MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**NADIA H. VELLA**

Seduta tal-15 ta' Lulju, 2013

Talba Numru. 278/2013

**NIC Company Limited C30098**

**vs.**

**Donnalise Chircop**

It-Tribunal

Ra l-Avviż tat-talba fl-ismijiet premessi li permezz tiegħu is-soċjeta′ attriċi talbet il-ħlas mingħand il-konvenuta tas-somma ta’ tmien mitt Ewro (€800.00), rappreżentanti prezz dovut minnha versu l-bejgħ u konsenja ta’ sigaretti minnha ordnati sabiex jinbiegħu fuq il-vapuri bl-isem “Ray G” u “Ocean Pearl”;

Ra li mill-atti jirriżulta li għalkemm il-konvenuta ġiet debitament notifikata kemm bl-Avviż tat-Talba u wkoll bl-Avviż tas-Seduta, hija ma kkontestatx il-kawża fit-terminu

preskritt mil-liġi u lanqas ma dehret għas-seduti li nżammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li ġie ppreżentat mis-soċjeta′ attriċi u l-fatt li l-konvenuta naqset li tidher sabiex tirrispondih, u għalhekk għandu jittieħed bħala mistqarr.

Għaldaqstant, peress li t-talba tas-soċjeta′ attriċi tirriżulta sodisfaċentement ippruvata, it-Tribunal jilqa` t-talba attriċi u konsegwentement jikkundanna lill-konvenuta tħallas lis-soċjeta′ attriċi is-somma ta’ tmien mitt Ewro (€800.00), bl-imgħax legali dekorribbli mid-data tal-preżentata tal-Avviż tat-Talba u cioe is-6 ta’ Mejju 2013, sad-data tal-pagament effettiv. L-ispejjeż huma a kariku tal-konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------